# KAP 13 -ISEM ALLA IMSEMMI FIL-BATTAL

Ghal l-ewwel Zamir ma kienx induna li b'dak li kien qed jaghmel kien qed ikun ta' distrazzjoni ghal angli shabu l-ohra. Minn mindu bdiet il-lezzjoni kien qed jihhamja l-innu li l-angli kollha jkantaw kontinwament lill-Mulej Alla: "QADDIS, QADDIS, QADDIS." Ghall-bidu l-imghallem Barakjiel ma tax kaz, izda meta l-ihhamjar sar distrazzjoni ghal l-angli l-ohra dar lejn l-anglu Zamir u qallu: "Zamir tista' toqghod daqsxejn bi kwietek ghax qed tkun ta' tfixkil ghal shabek?"

"O skuzani hafna, sir ma kontx indunajt," wiegeb Zamir.

Ma ghaddiex wisq hin li l-anglu Zamuir ma regghax jihhammja minghajr ghal darb'ohra ma induna li qed jaghmel hekk.

"Zamir," qallu Barakjiel, " qed terga tihhammja. Iskot, jekk jghogbok."

Zamir skuza ruhu, imma din id-darba gholla idu biex jaghmel mistoqsija.

"Iva,"qallu Barakjiel li kienet tfisser li seta' jitkellem.

"Sir, nista' nistqarr xi haga?" qal l-anglu l-istudent.

"Iva, iva. Tista' titkellem liberament."

"Kemm qed inhossha bi tqila biex inehhi dan l-innu minn mohhi. Kemm niehu gost li nkun fil-genna nkanta dan l-innu

b’tifhir lill-Mulej. Nista’ nistqarr li ma inhiex mija fil-mija interessat li nizel fid-dinja?”

Ghal dan il-kliem il-bqija tal-klassi xxukjat ruhha, imma lkoll qablu li kienu jhossu xi ftit minn dak li kien qed ihoss Zamir.

L-ghalliem Barakjiel tbissem. “ Wiehed jifhem din il-haga. Infatti dik ix-xewqa li tkunu quddiem il-Mulej hija ezattament dak li tehtiegu taqsmu mal-bniedem li lilkom ikun fdat li tharsu.”

U kompla jistaqsi Zamir: “ U l-bnedmin mhux diga’ ghandhom din ix-xewqa li jkun  mal-Mulej, u tal-Mulej?”

“Iva, il-Mulej pogga din ix-xewqa fil-qalb ta’ kull bniedem, izda l-bniedem mhux dejjem jifhimha din ix-xewqa. Hija haga tqila li l-bniedem jaghti l-attenzjoni tieghu dejjiema lil Alla ghaliex ghandu wisq distrazzjonijiet.”

Il-klassi kienet attenta kif l-ghalliem kompla bil-lezzjoni tieghu: “ Dak li ghandkom intom hija imhabba profonda lejn il-Mulej. Intom sa min meta gejtu mahluqa dejjem tghannu tifhir lill-Mulej. Imma mhux hekk il-bnedmin. Il-bnedmin ghandhom tendenza, mhux kollha tafux, ghax hemm min ifahhar lil Alla, imma xi whud ghandhom tendenza li jsemmu isem Alla ghal xejn, isemmuh b’nuqqas ta’ qima u riverenza,fi kliem iehor jidghu.”

Anglu li kien fuq wara instema jghid u jesklama: “Kif jaslu biex isemmu isem Alla ghalxejn b’xejn? Ghaliex?”

“Halli nurikom xi haga,” qal Barakjiel lill-klassi. Fuq screen imdawwal minn projector, l-angli studenti setghu jaraw sentenzi. Kull wahda kienet tibda’ bil-kelma ALLA. Xi whud kien talb jew kant jew tifhir lil Alla.  Kultant kienet tidher sentenza mghottija bil-kulur ahmar. “Din is-sentenza u kull wahda bhala li tidher mghottija bl-ahmar, hija insult li jkun sar lil Alla mill-bniedem,” spjegalhom Barakjiel.

Kull darba li kienet tidher sentenza ingassata b’linja hamra,  l-angli studenti kienu jfahhru lil Alla u jkantawlu glorja.

“Allura ahna x’nistghu naghmlu biex inwaqqfu dan il-mishut vizzju tad-dagha?” staqsa Zamir.

“Itlobu lil Alla biex jilluminhom li ma ghandhomx ikomplu f’din it-triq mishuta. L-ilsien il-bniedem ghandu juzah biex ifahhar lil Alla u mhux biex jishet lil Alla. Alla  gid biss jaghmel mal-bniedem,” kompla Barakjiel.

“Allura, il-bnedmin ma jindmux minn dan il-hazen?” staqsa anglu iehor student. “Jibqghu sejrin hekk ma kull kelma li jlissnu.”

“Iva ikun hemm min jara li ghamel hazin u jaghmel indiema. Araw kif tkompli dik l-istorja tar-ragel li ma irrispettax isem Alla. Filghaxija nizel gharkubtejh u talab mahfra lil Alla u qallu li jiddispjacih li semma Ismu fil-battal. ’Jiddispjacini ukoll li tajt ezempju hazin u mill-aktar orribbbli lit-tifla tieghi. Meta smajtha issemmi Ismek fil-battal’, kompla r-ragel ‘hassejtni ixxukjat u

immutajt. Kieku ghajjat maghha Mulej, imma ma kienitx zbaljata ghax tghallmet dak li jien ghidt. Mela biex naghtiha ezempju tajjeb qabel torqod nghidu flimkien it-talba ta' flighaxija, imbaghad nasal biex naghtiha ezempju hazin. Ahfirli Mulej ma nergax u ghinni nkun ta' ezempju tajjeb ghaliha,' temm ir-ragel."

"Kif baqghu l-missier u bintu?" staqsa Zamir.

"L-ngli kustodji taghhom kienu qed jahdmu bla waqfien. L-anglu kustodju tal-missier talab lil Alla biex isahhah ir-rieda tal-missier li jieqaf mill-mishut dagha u l-anglu kustodju tat-tifla talab lil Alla biex ma tirrepetix kliem bhal dak. Incidentalment kemm il-missier kif ukoll il-bint waqfu li jitkellmu hazin. It-tifla mill-ewwel semghet minn kliem missierha u gharfet li kellu ragun. Dik kienet kelma hazina u ma kelliex tirrepetiha aktar."

"Ma nafx kemm ser jirnexxili li nwaqqaf lill-persuna li taghha nkun responsabbli li ma tidghix, jekk din tkun ivvizzjata," qal anglu iehor.

"Ma ghandekx taqa' qalbek, aghmel bhalma Zamir qed jaghmel il-hin kollu. Fahhar lil Alla u fl-istess hin iffoka fuq Gesu' u ghen lil dawk li tiehu hsieb jaghmlu l-istess," qallu Barakjiel.

Imbaghad il-klassi kollha qamu bilwieqfa u kantaw l-innu Qaddis, Qaddis, Qaddis u wara komplew jistudjaw in-noti li kienu kitbu, ghax l-ezami kien fil-qrib.